2026/2605

23.11.2026

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2026/2605

tat-23 ta' Novembru 2026

li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2026/455 dwar miżuri restrittivi biex jiġi miġġieled it-terroriżmu

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fis-26 ta' Frar 2026, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2026/455 ([1]).

(2) Fid-dawl tat-theddida kontinwa minn The Base, jenħtieġ li persuna waħda tiżdied mal-listi fl-Annessi II u IV tad-Deċiżjoni (PESK) 2026/455.

(3) Għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2026/455 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Annessi II u IV tad-Deċiżjoni (PESK) 2026/455 huma emendati f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Novembru 2026.

Għall-Kunsill

Il-President

M. HEYDON

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2026/455 tas-26 ta' Frar 2026 dwar miżuri restrittivi biex jiġi miġġieled it-terroriżmu, li tħassar l-Artikoli 2, 3 u 3a tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK dwar l-applikazzjoni ta' miżuri speċifiċi fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2025/1577 u d-Deċiżjoni (PESK) 2026/421 (ĠU L, 2026/455, 26.2.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2026/455/oj).

ANNESS

L-Anness II u IV tad-Deċiżjoni (PESK) 2026/455 huma emendati kif ġej:

(1) Fl-Anness II, taħt l-intestatura "A. Persuni fiżiċi", tiżdied l-entrata li ġejja:

"1. NAZZARO Rinaldo (magħruf ukoll bħala Norman Spear, Roman Wolf); Post tat-twelid: United States of America; Nazzjonalità: l-Istati Uniti tal-Amerka; Sess: raġel.";

(2) Fl-Anness IV, tiżdied l-entrata li ġejja:

"1. NAZZARO Rinaldo (magħruf ukoll bħala Norman Spear, Roman Wolf); Post tat-twelid: United States of America; Nazzjonalità: l-Istati Uniti tal-Amerka; Sess: raġel.".